**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur David Saliba)

**vs**

**Ronald Sammut**

Illum 22 ta` Gunju 2000

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Ronald Sammut ta` 20 sena, bin Carmelo u Rita nee` Xerri imwieled il-Pieta` fis-6 ta` Awissu 1980 u joqghod 11 Pjazza San Katald, Rabat ID 406180 (M);

1. Talli matul dawn l-ahhar tlett xhur qabel is-17 ta` Frar 2000, matul il-gurnata mill-inhawi maghrufa 'Tal-Mus" limiti tas-siggiewi ikkommetta serq ta` mutur tal-bahar tal-ghamla 'Johnson' li l-valur tieghu jeccedi l-Lm100 izda inqas minn Lm1,000 ghad-dannu ta` Alfred Camilleri

mis-Siggiewi liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, u l-valur;

2. Talli fl-istess zminijiet, lok u post, volotarjament ikkaguna hsara volontarja fuq l-aperturi u cioe tieqa ta` kamra, liema hsara hija stamata li hija ta` inqas minn Lm50 ghad-dannu tal-imsemmi Alfred Camilleri.

3. Talli fl-istess zminijiet, hin u cirkostanzi f`Malta xjentement laqa` ghandu jew stara hwejjeg misruqa mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew xjentement b`kull mod lijkun, indahal biex ibieghu jew immexxieh.

4. Talli matul dawn l-ahhar xhur f`diversi inhawi f`Malta, f`hinijiet differenti flimkien ma persuna ohra ikkommetta diversi serq ta` erba stereos ta` ghamla differenti minn diversi karozzi liema stereos huma stmati li jiswew aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000 ghad-dannu ta` sidhom rispettivament halkemm mhux maghrufa liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji tas-6 ta` April 2000.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedurasommarja, fil-11 ta` Mejju 2000.

Rat li fis-seduta tal-11 ta` Mejju 2000 l-akkuzat wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba` akkuza imma mhux tat-tielet.

Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Tikkundanna lill-hati, **sentejn prigunerija liema sentenza m`ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta` erba` (4) snin mill-lum,** il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija u l-Qorti qed tapplika l-imsemmi Artikolu 28 A minhabba l-eta` zghira u l-fedina penali tal-hati bit-tama li dan jindem darba ghal dejjem milli ghamel. Il-Qorti qed tghabbi lil hati bi kliem car ir-responsabilita` tieghu skond l-Artikolu 28A u 28 B tal-Kapitolu 9.

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT